**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D.; M.Jur.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mark Randon**

**Illum 17 ta' April 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva nhar il-24 ta' Marzu 2008 u irregistrata quddiem dawn il-Qrati fis-26 ta' Marzu 2008 kontra:

**Mark Randon** ta' 38 sena mwieled gewwa tas-Sliema nhar is-17 ta' Gunju 1969 bin Mario u Christine nee' Diacono u resident Nru 132, Triq il-Wied, Birkirkara detentur tal-karta tal-identita' numru 232969M talli:

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-27 ta' Novembru 2007 naqas milli jghaddi xi haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghek, jew minhabba depozitu necessarju, dawwart bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga

jew li jsir uzu minnha specifikat meta zamm ghalih flus kontanti li jammontaw ghall-4,658.75euro (LM 2000) u li nghataw lilu minn klijenti ta' l-istess socjeta` ( u cioe` minn Raymond Zarb ID 735255M u Isabella Zarb ID 44360M) liema flus kienu jikkostitwixxu parti minn commission dovut minn dawn il-klijenti lil BJ Marine Limited.

U aktar talli fl-14 ta' Novembru 2007 waqt li kien impjegat ma' BJ Marine Limited naqas milli jghaddi lill-istess socjeta' u sarraf a beneficcju tieghu cheque li jammonta ghall-2,329.37 euro (LM1000) u li nghata lilu minn klijent ta' BJ Marine Limited (u cioe George Zarb ID 80268M) liema cheque kien jirraprezenta parti minn commission dovuta lill-BJ Marine Limited. [1]

Rat ic-certifikat tat-twelid tal-imputat.[2]

Rat il-fedina penali netta tal-imputat.[3]

Rat l-artikoli mahruga mill-Avukat Generali nhar l-4 ta' April 2019.[4]

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat li l-kaz jinstema' quddiem din il-Qorti.[5]

---

[1] Folio 1 tal-process.
[2] Folio 2 tal-process.
[3] Folio 3 ttal-process.
[4] Folio 172 tal-process
[5] Folio 178 tal-process.

Rat is-sentenza preliminari moghtija fid-9 ta' Dicembru, 2020.[6]

Semghet il-provi.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Hadet nota tas-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni.[7]

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur nhar it-8 ta' Novembru 2023.[8]

Hadet nota tal-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrisali ghal zewg transazzjonijiet finanzjarji li sehhew f' Novembru 2007 meta allegatament l-imputat, li kien impjegat ta' BJ Marine Limited, wara li kien hemm xi bejgh ta' dinghies zamm xi flus ghalih minnflok ghaddihom lill-kumpanija.

[6] Folio 211 tal-process
[7] Folio 256. tal-process.
[8] Folio 258 tal-process.

Jirrizulta li l-imputat Randon mhux qed jichad dan pero' huwa dejjem sostna li dawk il-flus huma parti minn commission li kienet dovuta lilu mill-kumpanija skond il-kuntratt ta' impjieg tieghu.

**Il-Provi**

Xehdet l-**iSpettur Sandra Zammit** nhar il-21 ta' Marzu 2018 fejn qalet li irceviet kwerela minghand Dr.Adian Mallia fi Frar 2018. L-avukat Mallia kien qed jikteb ghan-nom ta' certu Bernard Gallagher ta' nazzjonalita' Irlandiza. F'din il-kwerela kien hemm allegat li l-imputat, bhala impjegat ta' BJ Marine Limited zamm elf Lira Maltin minnflok ghaddihom lill-kumpanija. Milli jidher, skond il-kwerela, dawn il-flus kontanti kienu parti minn commission li certu Raymond Zarb u Isabella Zarb kienu taw lill-kumpanija. Il-kwerelant allega ukoll li l-imputat ukoll sarraf ghalih cheque li kien hareg ukoll is-Sur George Zarb li ukoll kien jirraprezenta parti minn commission dovuta minnu lill-kumpanija. Dan kien ukoll fl-ammont ta' elf Lira Maltin. L-ispettur tkompli tixhed li mal-kwerela il-pulizija irceviet ukoll numru ta' dokumenti fosthom dokument mahrug mill-Bank of Valletta fejn mill-kont kurrenti tas-Sur George Zarb jidher li **fid-19 ta' Novembru 2007** kien issarraf l-imsemmi cekk ta' elf Lira Maltin[9]. Ix-xhud tkompli tispjega li meta hija u l-ispettur Elton Taliana kienu baghtu ghalih u staqsewh fuq dawn iz-zewg transazzjonijiet hu qalilhom li vera il-flus kien zammhom huwa pero' dawn kienu parti minn flus dovuti lilu mill-kumpanija BJ Marine Limited. Zied jghid li l-istess Bernard Gallagher kien awtorizzah jiehu dawn il-flus li kienu dovuti lilu. Hi ezebit numru ta' dokumenti.[10]

[9] Folio 48 tal-process.
[10] Folio 39 sa 41 tal-process.

Xehed **Joseph Saliba** ghan-nom tal-Jobplus nhar il-25 ta' April 2018 fejn ipprezenta l-employment history tal-imputat.[11]

Xehed l-**Ispettur Elton Taliana** nhar il-25 ta' April 2108 fejn ikkonferma it-tehid tal-istqarrija tal-imputat.[12]

Xehed **George Zarb** nhar il-25 ta' April 2018 fejn spjega r-relazzjoni tieghu mal-broker BJ Marine. Jghid li jaf lill-imputat ghax kien qed jaghmel deal mieghu.[13] Jispjega li huwa kellu dghajsa li tahielhom u huwa xtara dghajsa ohra u ziedhom il-flus. Jghid li c-cekk hargu lil BJ Marine.

Xehdet **Joanna Bartolo** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc nhar is-6 ta' Gunju 2018.[14] Hija ipprezentat statement tal-kont ta' Geoorge Paul Zarb bin-numru 400010206566 fejn qalet li c-cekk kien numru 126 u li dan gie imsarraf fid-19 ta' Novembru 2007. Jidher li dan issarraf ghand l-HSBC.[15] **Ic-cekk gie depozitat fil-kont tal-BOV fid-data 19 ta' Novembru 2007.[16]**

Xehed **Raymond Zarb** fis-6 ta' Gunju 2018 u ikkonferma li ghadda elfejn Liri Maltin lill-imputat minhabba li xtara dghajsa minn BJ Marine Limited.[17] Hu jispjega fid-dettal kif xtara d-dghajsa u r-rwol

[11] Folio 52 tal-process.
[12] Folio 57 tal-process.
[13] Folio 61 tal-process.
[14] Folio 77 tal-process.
[15] Folio 78 tal-process.
[16] Folio 79 juri ic-cheque li hu pagabbli 'Cash' datat 14.11.2007.
[17] Folio 81 tal-process.

tal-imputat fit-tranzazzjoni. Jghid li l-ewwl tah elf Lira, wara jikkoregi ruhu u jghid elfejn Liri Maltin fis-27 ta' Novembru 2007.

Xehdet **Isabelle Zarb** fis-6 ta' Gunju 2018. Hija tghid li rat lil zewgha ihallas lill-imputat b'cekk u li huma kienu xtraw dghajsa. Hi tghid li il-flus u c-cekkijiet kienu tawhomlu u imbaghad baghtu ghalihom.[18]

Xehdet **Claudette Fenech** in rapprezentanza tal-MFSA nhar l-20 ta' Gunju 2018 fejn ikkonfermat li Bernard Galligher kien direttur u shareholder tal-kumpanija BJ Marine Limited f'Novembru 2007.[19]

Xehed **Alfred Caruana** nhar l-20 ta' Gunju 2018 fejn qal li huwa kien l-agent ta' BJ Marine, wara li spicca Mark. Hu jghid li spicca ma' BJ Marine fl-2013. Jghid li hu ma kienx impjegat tal-kumpanija.[20] Jghid li hu qatt ma kellu kuntratt mal-konjugi Zarb. Jghid li hu qatt ma ra dokumentazzjoni fuq id-dghajsa. Isostni li kienu xtrawha minn ghand Gallagher u kien qdiehom Mark Randon. Isostni li hu jaf dak li qallu Bernard Gallagher jigifieri li d-depoziti zammhom l-imputat. Ikompli jghid li lanqas lil George Zarb ma jaf. [21]

Xehed bil-lingwa Ingliza **Bernard Gallagher** nhar l-10 ta' Ottubru 2018. Huwa ipprezenta d-dokumentazzjoni rigward dan il-kaz.[22] Hu

[18] Folio 85- 86 tal-process.
[19] Folio 90 tal-process.
[20] Folio 94 tal-process.
[21] Folio 99 tal-process.
[22] Folio 120 u 121 tal-process hemm kopja tal-ircevuti mahruga minn Mark Randon.

ipprezenta ukoll kopja tal-kuntratt ta' impjieg tal-imputat datat 4 ta' Gunju 2007.[23] Hu ipprezenta affidavit tieghu rigward il-kaz.[24]

Xehdet **Rita Farrugia** nhar l-14 ta' Jannar 2017 in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc fejn qalet li c-cekk mertu ta' dawn il-proceduri ta' elf lira Maltin **gie depozitat flimkien ma' cekk iehor nhar is-17 ta' Novembru 2007 f'ATM.[25]** Tispjega li dan gie iddepozitat minn certa Mario Randon 702946M[26].

Xehed il-**P.L. Quentin Tanti** ghan-nom tar-Registratur tal-Kumpaniji nhar is-27 ta' Frar 2019 u iddikjara li Boats and Sails qatt ma kienet irregistrata hawn Malta.[27]

Xehdet l-**Ispettur Sandra Zammit** nhar is-27 ta' Frar 2019 fejn esebit ic-certifikati tat-twelid u tal-mewt ta' Mario Randon, missier l-imputat.[28]

Xehed **Bernard Gallagher** nhar id-19 ta' Ottubru 2022 fejn qabel li l-imputat kien impjegat tal-kumpanija tieghu. Jghid li ma jiftakarx x' kien is-salarju tieghu pero jghid li l-commission kienet 7½% tal-profitt ta' kull negozju.[29] Jaqbel li meta saru t-transazzjonijiet allegatament inkriminanti huwa kien imsiefer. Ma jaqbilx li l-imputat kien jiehu l-commission direttament mill-bejgh, izda l-commission kienet tithallas

[23] Folio 126 tal-process.
[24] Skond il-verbal tal-10 ta' Ottubru 2018 l-imputat kien assistit minn Dr. Sarah Mifsud.
[25] Folio 155 tal-process.
[26] Folio 153 tal-process.
[27] Folio 162 tal-process.
[28] Folio 164 tal-process.
[29] Folio 232 tal-process.

darba kull sitt xhur fuq il-bejgh kollu li jkun sar. Qal li fuq dawn ma thalsitx commission ghax id-deals ma sarux. Qal li l-bejgh sar pero' il-flus ma ircevihomx kollha. Jispjega li hu ihallas il-commission fl-ahhar ta' kull sitt xhur. Normalment f'nofs is-sajf u fl-ahhar tas-sena. Qal li ma ghandux dokumenti li jixhdu li hallas il-commission lill-imputat.

Fuq Alfred Caruana jghid li hu habib tieghu u xi kultant kien jaghtih il-pariri. Hu ma kienx jiehu hsieb il-finanzi pero' gieli ghinu. Caruana ma hax over wara l-imputat. Jaqbel li l-unika impjegat tieghu kien l-imputat. Jaqbel li Caruana kien impjegat tal-HSBC u jaqbel li l-kont tal-kumpanija huwa mal-HSBC. Ma jaqbilx li l-flus migbura minn l-imputat kienu jghaddu ghand Caruana biex jigu iddepozitati fl-HSBC.

Kontro ezaminat ikkonferma li hu ircieva parti mill-flus tal-bejgh tad-dghajsa. Jghid li minn negozju hu mar minn taht sittax -il elf u tmien mitt Ewro (€16,800) li hareg hu minn flusu.[30]

Ri ezaminat qal li kien hemm broker Spanja. Jghid li l-broker ma hallsu l-ebda flus.

Xehed **Mark Randon** nhar it-12 ta' Lulju 2023 fejn ikkonferma li huwa kien impjegat ma' BJ Marine f'Gunju 2007 u li din il-kumpanija tbiegh id-dghajjes.[31] Jghid li kellu paga fissa u kellu ukoll parti minn commission fuq il-bejgh. Ikompli jispjega li hu irrizenja mill-kumpanija fi Frar 2008. Jghid li fuq l-ewwel dghajsa li biegh l-commisson qatt ma waslet. Jghid li fuq id-dghajsa ta' George Zarb

[30] Folio 237 tal-process.
[31] Folio 244 tal-process.

huwa tahom id-dghajsa tieghu u zied xi flus. Isostni li s-Sur Gallagher waqt it-transazzjoni ma kienx hawn Malta. Isostni li qabel ma telaq lejn is-Sud Afrika ghal honeymoon, Gallagher qallu biex inaqqas il-commission tieghu u hu fil-fatt hekk ghamel. Jghid ukoll li c-cekkijiet tat-transazzjoni meta Ghallagher kien imsiefer taghhom lis-Sur Alfred Caruana li kien in-number 2 tieghu u hadhomlu l-HSBC il-Belt.  Jaqbel li d-dokument a folio 47 hargu huwa u huma sehmu mill-commissions. Jghid li dawn id-dokumenti meta irrizenja taghhom lis-Sur Alfred Caruana. Jishaq li ghadu sal-lum ma jafx ghalfejn Gallagher ghamel il-kawza kontrih.  Ikompli jghid li anki lill-iSpettura Zammit kien qalilha b'dan kollu u huwa ma ghamel xejn hazin. Gallagher qatt ma ghamel proceduri civili fil-konfront tieghu.

Kontro-ezaminat jghid u jikkonferma li Gallagher qallu hu biex izomm il-commissions tal-bejgh. Ifakkar li l-email li kien bghat lil Gallagher wara li mar wara biebu jaghmel l-istorbju kienet fis-sens li talbu jaghmel kjarifici pero' dawn qatt ma waslu. Jishaq li hu telaq mill-kumpanija u wara inqalghet din il-kwistjoni.[32]

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuza taht l-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqraw is-segwenti:

*"293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa*

[32] Folio 250 tal-process.

*jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

*294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

**Ikkunsidrat:**

L-elementi li jsawru r-reat ta' appropjazzjoni indebita jistghu jigu sommarjament elenkati fis-segwenti:

1. Li l-oggett irid ikun gie fdat jew ikkonsenjat;
2. Li dak l-oggett ikun irid jigi irritornat jew li jkun irid jigi uzat ghal skop specifiku;
3. Li l-oggett irid ikun gie applikat hazin (misapplied);
4. Is-suggett irid ikun ghamel dan bl-iskop ta' gwadann.[33]

**Ikkunsidrat:**

Issa huwa ben maghruf li l-provi jridu jkunu *konsistenti* u jwasslu ghall-istess konkluzjoni ossija li l-imputat hu hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.[34] B'hekk

[33] Ara Notes on Criminal Law Handbook, 2023, ta' Dr. Stefano Filletti pagni 122-126.
[34] Ara f' dan is-sens **Il-Pulizija vs Carmel Callus** App. Nru. 534/2014 deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Giovanni Grixti u **Il-Pulizija vs Carl Busuttil** App. Nru. 26/2022 deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Consuelo Screrri Herrera.

il-provi jridu bilfors jinkwadraw fic-citazzjoni, inkluz id-data, lok u hin. Il-gurisprudenza fuq din il-materja hija kopjuza. Il-Qorti ser telenka numru ta' kawzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fuq dan il-punt fost hafna ohra:

**P vs Michael Cini Appell Nru. 203/2003 per S.T.O. Prim Imhallef Vincent DeGaetano.**

**P vs Jeffrey Farrugia Appell Nru. 79/2005 per Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono.**

**P vs Shaun Theuma Appell. Nru. 306/2010 per S.T.O. Prim Imhallef Vincent DeGaetano.**

**P vs Joseph Demanuele Appell Nru. 138/2105 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima.**

**P vs Shaun Maria Mifsud Appell Nru. 273/2021 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima.**

**P vs Leli Bonanno Appell Nru. 155/2021 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima.**

**P vs Harish Daswani Appell Nru. 315/2019 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herera.**

**P vs Giuseppi Desira Appell Nru. 41/ 2019 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera.**

**P vs Neil Zammit Appell Nru. 158/2019 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera.**

**P vs Jesmond Seguna Appell Nru. 59/2023 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera.**

Imbaghad fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur A.M. Xuereb) vs Carmela German** deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Settembru 2016 mill-allura Magistrat, illum Imhallef, Aaron M. Bugeja gie rega' ribadit li:

***'Gie deciz ukoll li fl-approprjazzjoini indebita, il-frodi tirrizulta wara li tkun saret il-konsenja tal-oggett mentri fir-reat ta' l-aspett frawdolenti manifestat fir-raggir jew artifizji jipprecedu l-konsenja tal-oggett in kwantu jkun l-kawza tal-konsenja innifisha.'***

Issa ghal dak li jirrigwarda it-transazzjoni tal-**14 ta' Novembru 2007** li hemm referenza ghaliha fl-ircevuta a folio 16 tal-process jidher bic-car kif johrog mill-atti processwali inkluz l-istatement ta' George Paul Zarb a folio 48 kif ukoll mix-xhieda tar-rapprezentat tal-HSBC Bank (Malta) plc. li dan ic-cheque issarraf u l-flus ingibdu mill-kont tal-klijent fid-**19 ta' Novembru 2007**.

Issa huwa vera li l-flus gew ikkonsenjati tramite cheque fl-14 ta' Novembru 2007 imma jekk kien hemm xi appropjazzjoni indebita, kif

tajjeb jissottolinja fit-trattazzjoni tieghu l-abbli avukat difensur, din sehhet zgur wara dik id-data.

Il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tinoltra ulterjorment fuq dan il-punt fir-rigward tat-transazzjoni ta' elf Lira Maltin mghoddija minn George Zarb lill-imputat u ghaldaqstant tqis illi t-tieni akkuza ma tirrizultax u konsegwentament ghandha tehles lill-imputat mit-tieni akkuza stante li l-allegat reat ma seta' qatt sehh kif inkwadrat fic-citazzjoni, ossija fl-14 ta' Novembru 2007.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rigward tat-transazzjoni tas-27 ta' Novembru 2007, ossija dik li tirrigwarda l-ammont imhallas in kontanti ta' elfejn Liri Maltin mill-konjugi Zarb a folio 47 tal-process, ghandu jinghad li dik l-ircevuta lanqas biss ghandha l-letter head ta' B.J. Marine Limited b'kuntrast ma' l-ircevuta li inharget lil George Zarb.

Il-Qorti tinnota li kull dubbju ghandu jmur favur l-imputat u li l-prosekuzzjoni kellha tipprova l-akkuza lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Issa ghalkemm il-kwerelant u l-imputat jaqblu li fuq it-transazzjonijiet ta' bejgh kien hemm commission, fuq kemm kienet u meta kellha tithallas ma jidhirx li hemm qbil.

Ma jirrizultax li mill-kuntratt ta' impjieg tal-imputat esebit mill-kwerelant stess kien hemm xi commission dovuta.[35] Dunque, din il-

[35] Folio 126 tal-process.

commission kienet maqbulha verbalment u mhux tramite il-kuntratt ta' ingagg jew xi skrittura ohra.

Il-Qorti semghet lill-imputat jixhed quddiemha u qabblet dak li qal ma' dak li iddikjara lill-pulizija *a tempo vergine*. Il-verzjoni tieghu hija kostanti u kredibbli u ma thalli l-ebda ombra ta' dubbju li l-verzjoni tieghu mhix veritiera. Id-dokumenti pprezentati minn Gallagher, ossija l-ircevuti a folio 120 u 121, isahhu t-tezi tal-imputat li dawn gew mghoddija lill-kumpanija fil-perjodu li huwa ghamel impjegat ma' B.J. Marine Ltd.[36] Dan isegwi li huwa ma kellux x'jahbi mill-kumpanija u wisq anqas minn Gallagher. Hu ma ghamel xejn minn wara dahru u allura l-Qorti tqis li ghandha temmen lill-imputat li kien hemm ftehim li huwa jiehu l-commission mat-transazzjoni tal-bejgh. Jidher li l-imputat ma harigx barra minn dawn il-parametri u allura l-flus tas-27 ta' Novembru 2007 hadhom ghalih b'mod lecitu u b'mod trasparenti, kemm mal-klijent kif ukoll mal-kumpanija li hu kien impjegat maghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni l-Qorti, ma tistax ma tikkummentax dwar il-fatt illi l-ircevuti imressqa mill-Prosekuzzjoni bhala prova tal-hlasijiet li taw lok ghal dawn il-proceduri huma biss fotokopji u li l-original tal-istess qatt ma gew prezentati waqt il-proceduri, dan minkejja illi tali rcevuti kellhom ikunu fil-pussess tal-kwerelant jew tax-xhieda George Zarb u l-konjugi Zarb. Tali fotokopji ma jistghu qatt jilhqu l-livell tal-prova kif rikjest fil-kamp kriminali.

[36] Il-Qorti mhux qed taccetta it-tezi tad-difiza u mhux qed tiskarta bl-ebda mod l-affidavit pprezentat mill-kwerelant Gallagher kif tablet id-difiza fis-sottomissjinijiet finali taghha ghas-semplici raguni li Gallagher kien prezenti fl-awla in persona, xehed, quddiemha u ipprezenta l-affidavit flimkien mad-dokumentazzjoni u dan fl-10 ta' Ottubru 2018. Dan kollu sar meta l-imputat kien assistit minn Dr. Sarah Mifsud li ma oggezzjonatx ghal tali affidavit. Barra minn hekk l-avukat Dr. Joseph Giglio fid- 19 ta' Ottubru 2022 ghamel il-kontro ezami tal-kwerelant.

Illi, ghaldaqstant mill-assjem tal-provi l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni naqset li tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp kriminali anki ghal dak li jirrigwarda id-data tas-27 ta' Novembru 2007.

Il-Qorti ma tistax ukoll ma tikkummentax dwar id-dewmien bla bzonn f'dawn il-proceduri fejn il-prosekuzzjoni hadet kwazi hdax-il sena biex ghalqet l-istadju tal-provi taghha.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 293, 294, 310, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl tal-provi mressqa, ma hiex issib htija fl-imputat u konsegwentament tiddikjara lill-imputat **Mark Randon MHUX HATI** tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u qed tilliberah minn kull htija u piena.

**Dr Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Magistrat**

**Victor Deguara**

**Deputat Registratur.**